**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 22 ta' Gunju, 2021

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**-vs-**

**Jasmine Azzopardi, detentrici tal-Karta tal-Identita` 116776(M), u Omissis**

*Kumpilazzjoni Nru. 143/2020*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputata **Jasmine Azzopardi** u Omissis, u cioe` talli:

B`diversi atti maghmulin minhom stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda u cioe` talli:

1. Nhar is-07 ta Frar 2020 minn gewwa 298, Flat 20, Triq in-Naxxar, Birkirkara, ikkommettew serq ta' gojjellerija, *cheque* u/jew affarijiet ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-lok, u bil-valur, liema ammont ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta Giuseppa Xuereb anzjana ta 81 sena u/jew ta' persuni ohra;
2. Bejn is-07 ta Frar 2020 u l-21 ta Frar 2020 f'dawn il-gzejjer għamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi għad-dannu ta

Giuseppa Xuereb anzjana ta 81 sena u/jew ta persuni ohra u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur ta l-artikolu 183 tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta;

3. Nhar l-14 ta Frar 2020 bejn 01:30pm u 06:00pm minn gewwa 16, Triq Salvu Psaila, Birkirkara ikkommettew serq ta' gojjellerija u/jew affarijiet ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-lok, u bil-valur, liema ammont ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta Carmela Gherxi anzjana ta 92 sena u/jew ta persuni ohra;

4. Nhar il-05 ta Marzu 2020 bejn 11:00am u 11:30am minn gewwa 26, Triq il-Fawwara, St Venera ikkommettew serq ta' gojjellerija u/jew affarijiet ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-lok, u bil-valur, liema ammont ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta Paolina Von Brockdorff anzjana ta 82 sena u/jew ta persuni ohra;

5. Nhar is-07 ta April 2020 ghal-habta tas-02:00pm minn gewwa 10, Flat 2, Triq l-Universita, Msida, bil-hsieb li jaghmlu delitt urew dan il-hsieb b`atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom u li kieku gie esegwit kien ikun reat ta' serq kkwalifika bil-lok ghad-detriment ta Emanuel Vella anzjan ta 77 sena u/jew ta persuni ohra;

Nakkuza lil Jasmine Azzopardi wahedha talli, nhar is-07 ta April 2020 ghal-habta tas-02:15 ta wara nofs in-nhar minn gewwa 20, St Joseph, Triq Nazju Falzon, Msida:

6. ikkommetiet serq ta' gojjellerija u/jew affarijiet ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-lok u bil-valur, liema ammont jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37) ghad-detriment ta Carmela Pace anzjana ta 79 sena u/jew ta persuni ohra;

7. Kif ukoll talli fix-xahar ta April u fix-xhur ta qabel f'dawn il-gzejjer naqset milli thares xi wahda, w/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u cioe` mill-Magistrat [recte] Dr. Natasha Galea Sciberras LLd mid-digriet datat 11 ta Dicembru, 2015, u li permezz tieghu hija nghatat il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma tikkomettiex reat ta natura volontarja u dan bi ksur ta l-artikoli 579(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li titratta ma l-imputati bhala recedivi ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huma kienu gew misjuba hatjha w ikkundannati ghall-reati, b'sentenzi ta' reati [recte: Qrati] Maltin, liema sentenzi saru defenittivi.

Illi fis-seduta tal-31 ta' Mejju, 2021, l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha skond kif indikati fin-nota tal-Avukat Ġenerali tat-12 ta' Mejju, 2021.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputata wiegbet li hi hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissieta b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba w inghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga lura minnha.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha w ghaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata taghha, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li dwarhom qed tinstab htija, tal-ammissjoni taghha kif ukoll tal-fedina penali kkulurita taghha li turi kif l-imputata mhux xi *first-time offender* u kif inghatat bosta opportunitajiet biex tirriforma.

Il-Probation Officer jghid dan fir-rapport minn tieghu: *"Bhala rakkommandazzjoni Sinjura minn informazzjoni migbura ai fini tar-rapport qieghed ikun umilment rakkomandat lil din l-Onorabbli Qorti illi Jasmine Azzopardi tinghata sentenza ta' habs effettiva u dan sabiex minbarra li sservi ta' deterrent ghaliha kif ukoll tkun tista' tapprezza l-valur tal-opportunitajiet illi hija kienet inghatat mill-Qorti fil-passat sabiex tirriforma ruhha permezz ta' sentenzi fil-komunita', Jasmine tinsab f'ambjent kontrollat u sigur sabiex tahdem minghajr tfixxkil fuq aspetti ta' hajjitha li jirrikjedu attenzjoni partikolari kif ukoll sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' recidivizzmu.".*[1]

Il-Qorti qiset dak li ddikjarat il-prosekuzzjoni u cioe` li Azzopardi kkollaborat mal-awtoritajiet investigattivi tant, li bl-ghajnuna taghha, gew rizolti kazijiet ohra.

Ittiehed kont tal-fatt li l-imputata giet xprunata twettaq dawn ir-reati minhabba l-vizzju ta' droga li hi afflitta minnu.

---

[1] Fol.161

Madanakollu jibqa' l-fatt li huma x'inhuma d-diffikultajiet li persuna tigi kostretta thabbat wiccha maghhom fil-hajja kwotidjana taghha, ma jitnissel ebda dritt minn dan u ma hemm ebda skuza sabiex dik il-persuna tkaxxkar fid-diffikultajiet taghha ohrajn intortament, partikolarment meta dawn huma persuni mill-aktar vulnerabbli u dipendenti - persuni li jixraqilhom protezzjoni aktar minn membri tas-socjeta` ohra. Reati li sehhew fi zmien kiefer ta' pandemija fejn l-anzjani kienu jixxenqu ghall-kumpanija w ghajnuna. Minflok l-id ta' ghajnuna sabu id li barmietilhom in-naqra li kellhom, li hadmu ghalih u li kienu jipposjedu b'tant ghozza!

Il-Qorti ma setghetx ma tikkunsidrax li r-reati mwettqa mill-imputata kienu atti indifferenti, nieqsa minn kull tracca t'umanita`, kalkolati biex jisfruttaw l-aktar dhajjfa w vulnerabbli fis-socjeta`, l-anzjani taghna.

Kien ghalhekk li l-legislatur bl-**Att XXXI tal-2014** introduca qafas legislattiv li l-ghan tieghu kien li kondotta simili, li jisthoqqilha biss stmerija u ghajb, tigi sanzjonata permezz ta' pieni horox. Il-vulnerabbilita` sabet it-tarka tal-ligi sabiex dawk il-membri tas-socjeta` li huma l-aktar vulnerabbli, partikolarment l-anzjani, li haqqhom u jixirqilhom biss rispett u ghajnuna u mhux sfruttament; li jghixu minghajr thassib jew biza dwar l-inkoluminita` fizika tal-persuna taghhom jew tal-propjeta` li jkunu tul hajjithom hadmu, stinkaw ghaliha w li ghandhom kull dritt igawdu.

Dawn il-fatti kollha flimkien mac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz inghataw piz fil-konsiderazzjonijiet tal-Qorti meta giet biex tqis il-piena li kellha tigi erogata.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 41(1)(a), 49, 50, 257D(1)(b), 261(ċ)(e), 267, 269, 279(a)(b), 280(1), 281(a), 289 u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Kodici Kriminali, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha w tikkundannaha ghal **tlett snin** prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputata ghamlet taht arrest preventiv.

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qed tpoggi lill-hatja taht Ordni ta' Trattament ghal zmien sentejn (2) sabiex tinghata l-ghajnuna mehtiega biex teghleb il-vizzju tad-droga.

B'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-imputata thallas l-ammont ta' **€364.77** rapprezentanti l-ispejjez peritali.

Finalment a tenur tal-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tohrog Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputata ghaf-favur ta' Giuseppa Xuereb Carmela Gherxi Paolina Von Brockdorff Emanuel Vella Carmela Pace ghal zmien tlett (3) snin millum.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**